MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 15/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta 11 ta' Marzu 2014<br>Laqgħa b' Urġenza |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Matthew Agius |
| | Skużat | Sur Emanuel Brincat |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat il-Ħamis 6 ta' Marzu, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 13/K7/2013.
2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 14/K7/2013.

3. Materji mill-Minuti.
4. Korrispondenza.
5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
6. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.
7. Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru
8. 'Lejn Lokalitajiet Aktar Ħodor'
9. Affarijiet oħra jekk urġenti
10. Aġġornament.

**Seduta Numru 15/14**

688 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

**1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 13/K7/2013**

689 Tressqu l-Minuti għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dawn ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 14/K7/2013**

690 Tressqu l-Minuti għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dawn ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.

**3 Materji mill-Minuti**

691 Materja 605: Il-Kunsill qabel li tintalab kwotazzjoni għax-xogħol dan ix-xogħol (rampa) fi Triq Victor Denaro ħalli x-xogħol ikun jista jsir.

692 Materja 608: Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq il-linji bojod ta' Triq ix-Xatt ta' L-Imsida. Hu qal li l-Perit rega tkellem fuq il-programm ta' l-RTK u qal lis-semmiegħa biex iċ-ċitazzjonijiet ma jħallsuhomx, is-Sur Maurice Agius qal li semmgħu hu stess. Is-sur Matthew Agius issuġġerixxa li tinkiteb ittra b'referenza għall-program biex jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mit-TM il-Kunsill jagħmel ix-xogħol biex jitneħħa l-linja l-bajda. Sar qbil li tinkiteb din l-ittra u li jingħata data sa meta jistgħu jagħtu risposta t-TM.

693 Materja 609: Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq meta ser jibdew joperaw il-pulizija pajżana u s-Sindku nformatu li l-Maġġur informaha li mhux ser ikun

jista jkompli b'dan il-ftehim. Is-Sindku informat lill-Kunsill li għandha laqgħa ma' l-Assistent Kummisarju l-ġdida nhar il-Gimgħa fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar.

694 Materja 610: Is-Segretarju ġiet mistoqsija dwar il-flus li l-Kunsill għandu jingħata mit-TM u nformat lill-Kunsill li qed tibgħat diversi reminders pero mhix tingħata risposta. Sar qbil li l-Kunsill ser jikteb lit-TM biex jingħata tweġiba fuq dawn il-flus ħalli l-kunsill ikun f'pożizzjoni li jiddeċiedi jekk għandux jipproċedi b'ittra uffiċjali jew le. Sar qbil li jekk ma jkollniex tweġiba fi żmien ġimgħa tintbgħat ittra bl-avukat. Is-Sur Mathew Agius qal li important li tkompli ssir 'follow up' fuq il-punti l-oħra li tressqu lis-Sur Piscopo waqt il-laqgħa li saret.

695 Materja 611: Is-Segretarju informat lis-Sur Maurice Agius li hi ingħatat informazzjoni li l-parking bay ta' Triq Johnny Catania ma tistax issir 'parking' ta' karroza minħabba li tkun trid titwessa u jekk isir dan sid il-garaxx ta' ma' ġenb il-kaxxa ma jkunx jista jidħol fil-garaxx. Is-Sur Maurice Agius qal li hemm wisgħa għal karozza żgħira. Id-diskussjoni kompliet fuq il-problema ta' residenti li jgħixu fi Triq Victor Denaro li għandhom problema biex joħorġu mill-garaxx minħabba li l-kaxxa s-safra mhix kbira biżżejjed. Intqal li suppost ikun hemm ta' l-inqas 1 metru fuq in-naħa ta' kif jgħaddi t-traffiku. B'dan il-metru żejda t-triq titlef 'parking bay' pero il-Kunsill qabel li din issir skont ir-regoli. Is-Sur Selvaggi qal li din kienet diġa ġiet diskussa u wera disapprovazzjoni dwar id-dewmien biex isiru ċerti xogħolijiet. Is-Sur Maurice Agius semma li hemm wisgħa tal-'motorcyle bay' fi Triq il-Magna tas-Serrar bejn żewġ garaxxijiet. Qal li hemm persuna li ħarġet tabelli bil-kliem 'no parking' fit-triq. Sar qbil li dawn jinġabru.

696 Il-Kunsill iddiskuta problema dwar xi nies li qed iħallu r-roti marbutin ma' xi arbli jew 'dustbins'. Il-Kunsill qabel li il-Kunsilliera għandhom jissuġġerixxu fejn jistgħu jsiru xi 'bicycle racks'.

697 Is-Sur Matthew Agius ħareġ mill-laqgħa (18:38).

698 Materja 613: Is-Sindku informat lill-Kunsill li kien għadu kif saret laqgħa mas-sidien tal-kumpanija AVIS fejn aċċertaw lill-Kunsill li karozzi li mhumiex mikrija ma jkunux ipparkjati barra. Qalu li hemm xi karozzi li huma fuq 'long lease' li jkunu pparkjati barra biex fil-għodu issirilhom 'service'. L-AVIS qablu li ser jagħmlu laqgħa mar-residenti biex kemm jistgħa jkun, ikun hemm relazzjonijiet tajbin bejn il-kumpanija u r-residenti. Il-Kunsill qabel li għandu jħalli 15-il-ġurnata u jiċċekja jekk il-laqgħa tkunx saret u qablu li din il-laqgħa għandha tkun bejn l-AVIS u r-residenti. Il-Viċi Sindku qal li sidien il-kumpanija qablu li jitkellmu mas-sewwieq tat-'trailer'. Is-Sur Bartolo qal li ser jitkellem magħhom biex isebħu biċċa art li għandhom in-naħa ta' wara l-uffiċini tagħhom u li ser jitkellmu mas-

Segretarju dwar xi reklamar fuq il-bollards. Is-Sur Maurice Agius semma li ma jħallux in-nies jipparkjaw quddiem il-garaxx l-antik li kellhom.

699 Materja 622: Is-Sur Maurice Agius qal li l-Kappillan għadu ma jafx kif ser isiru x-xogħolijiet. Qal li malli jkun fassal pjan ser jinformaħ u s-Sur Agius jinforma lill-Kunsill.

700 Is-Sur Maurice Agius ħareġ mill-laqgħa (18:48).

701 Materja 616: Is-Segretarju informat lill-Kunsill dwar ir-rapport mill-Ing tal-Lifts fejn dawn ma sabuhx problema bis-sistema tal-brejks tal-lift u għalhekk m'hemmx għalfejn isiru għalissa. Is-Segretarju għandha tikseb kwotazzjonijiet fuq il-punti msemmija bħala naċċetabbli fir-rapport tal-inġineer.

702 Materja 617: Is-Sindku informat lill-Kunsill li marret mal-Periti meta marru jispezzjonaw Triq Achille Ferris u jidher li mhemmx periklu serju. Il-Periti ser jaghmlu dan bil-miktub. Il-Periti ma eskludewx li t-triq tista tkun ta' periklu aktar il-quddiem.

703 Materja 618: Ġie kkonfermat li t-tiswijiet tad-dwal saru. Intqal li jista jkun li d-dwal tal-Junior Collage reġgħu ttripjaw. Is-Sur Bartolo għandu jiċċekkja.

704 Materja 623: Is-Sindku informat lill-Kunsill li saret laqgħa maċ-Chairperson tal-Awtorita' tad-djar rigward il-permess tal-blokka ta' Social Housing li ser jinbena faċċata tal-Kunsill u rigward iċ-ċaqliq tal-ħajt fi Triq Garcin. Is-Sindku ppreżentat il-minuti ta' din il-laqgħa. Qalet li qed tistenna risposta mill-Awtorita'.

705 Materja 624: Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-Perit kiteb lit-TM għax il-PC Application intbagħtet għall-approvazzjoni tat-TM. Hi qalet li hu ġibdilhom l-attenzjoni dwar l-urġenza tal-permess. Is-Sur Selvaggi saqsa jekk hemmx fondi biex isir dan il-proġett, u s-Segretarju nformatu li dan il-proġett ser isir mill-Works Department.

706 Materja 625: Is-Sur Bartolo qal li huwa kuntent bix-xogħol tal-Community Workers u qal li l-unika problema hija t-trasport. Il-Viċi Sindku qal li hu ser ikun qed jitkellem ma' xi uffiċċjali tal-Facilita' ta' Kordin biex jipprovdu t-Trasport jekk hu possibbli.

707 Materja 626: Is-Sindku nformat lill-Kunsill li qed nistennew il-feedback tal-Greenpak fuq il-ġbir tal-materjal riċiklat u ser issir laqgħa mar-rappreżentanti tal-Green MT. Din il-laqgħa ser jipprova jattendi għalija s-Sur Maurice Agius.

708 Materja 629: Is-Segretarju informat lill-Kunsill li hi għadha qed tistenna risposta mit-TM dwar il-parkeġġi tat-TM fi Triq Sant Andrija. Qalet li bagħtet l-informazzjoni dwar kemm jgħaddu karozzi miż-żona pero' ser tipprova tibgħat informazzjoni dwar il-ħinijiet tal-ħruġ ta' l-iskola ta' St Martin's. Is-Sindku qrat ittra li rċiviet mingħand l-Avukat Clifton Grima fi rigward ta' żona partikolari ta' din it-triq. Il-Kunsill qabel li jekk din hija propjeta' privata għandhom jinġabu provi li din hija privata. Hemm bżonn informazzjoni wkoll mill-MEPA biex jiġi stabillit l-linja tat-Triq biex tkun tista ssir linja bajda. Sar qbil li jintalab parir mit-TM.

709 Materja 633: Il-Kunsill kiteb ittra lir-Residenti ta' Triq Villambrosa pero' qed jistenna risposta mingħand is-Sindku tal-Hamrun qabel tintbgħat għax wera x-xewqa li jibgħat ittra simili hu wkoll.

710 Materja 636: Il-Kunsill approva li ssir U-Bar fuq il-Bankina fi Triq il-Prinċipessa Margerita biex jiġi evitat li karozzi jitilgħu fuq il-bankina, jew jagħmlu xi ħsara lill-propjeta' privata.

711 Materja 641: Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

712 Il-Kumitat tas-Sajd talbu li jkollhom aċċess għall-elettriku billi jsir 'sub-meter'. Il-Kunsill ser jiċċekja l-proċedura ma' l-Enemalta. Intqal li hemm kaxxa temporanja tad-dawl, u ġie mistoqsi jekk jistgħux jitolbu li jkollhom ‘temporary meter’ ukoll. Is-Sur Bartolo ġibed l-attenzjoni li diversi dgħajjes qed jorbtu mal-ħadid u għalhekk il-pilastri qed jinqasmu.

713 Materja 651: Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li saru l-intervisti għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv u li l-edba kandidat ma ntagħzel għal din il-kariga. Il-Kunsill approva li r-rapport ippreparat mill-Bord ta’ L-Għażla jintbgħat lid-Dipartiment.

714 Il-Viċi Sindku ħareġ mill-laqgħa (19:30).

715 Materja 653: Dwar l-impjieg ta' persuna b'diżabilita' mill-iskema ta' l-ETC is-Segretarju informat lill-Kunsill li ser issir skema ġdida mid-Dipartiment u hi ser tinformahom malli jkollha d-dettalji.

716 Materja 656: Is-Sindku informat lill-Kunsill li t-tabelli ta’ parkeġġi residenzjali li saru f’ tax-Xbiex kienu hemm qabel, pero’ minħabba li sar xi embellishment fil-lokal kellhom jitneħħew. Issa minħabba li l-proġett tlesta dawn reġgħu twaħħlu.

717 Materja 662: Il-Kunsill ġie informat li saru id-dwal ta' fejn l-iskola. Intużaw il-globi li kien hemm qabel pero dawn ha jkunu jixgħelu mill-iskola u ser jiġu skonnetjati mid-dawl tal-Kunsill.

4 **Korrespondenza**

718 41/0181 - L-Għaqda Melita Banda SanĠużepp talbet lill-Kunsill biex tuża l-Gnien ta' quddiem il-Knisja għall-attivitajiet tas-soltu fit-12 u t-13 ta' Lulju. Dawn il-ġranet intalbu wkoll mill-Klabb tal-Futbol minħabba l-iscreen li ser jgħamlu biex juru l-logħob tat-Tazza tad-Dinja 2014. Fit-13 ta' Lulju ser ikun hemm il-finali. Sar qbil li ssir laqgħa biex jintlaħaq ftehim bejn il-Każin tal-Banda, l-Klabb tal-Futbol u l-Kunsill għal permessi ta’ dawn il-granet.

719 41/0130 - Il-Każin tal-Banda talbu biex fis-16 ta' Lulju jgħamlu l-kunċert annwali ta' qabel il-Festa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir din l-attivita'. Sar qbil li l-Għaqda tan-nar tiġi informata biex dak in-nhar ma jsirx armar ta' nar.

720 41/0177 – Sar qbil li is-Segretarju se titlob lill-ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmlu spezzjoni ħdejn Nru 49 fi Triq L-Isqof FS Caruana.

721 41/0169 - Kien hemm talba biex tinkera xi kamra fil-Kunsill biex isiru xi lezzjonijiet taz-zfin. Il-Kunsill qabel li din tiġi nformata li bħalissa ma hemmx spazju adekwat biex isiru dawn it-tip ta' attivitajjiet.

722 41/0159 - Il-Kunsilliera ġew informati li fl-iSkema ta' Attivitajiet Kulturali, mnegħdija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-Kunsill ingħata 1,000 ewro biex ikun jista jtellgħa l-attivita' proposta. Is-Sindku flimkien ma' Lino Bartolo, Romina Galea u s-Sur Alan Abela-Wadge ser ikunu qed jahdmu fuq din l-attivita'.

723 41/0162 - Il-Kunsill ta l-approvazzjoni biex jitħallsu flus (€235) għall-spejjeż ta' rota ta' karozza li ġarbet xi ħsarat minħabba hofra li kien hemm fix-Xatt tax-Xbiex.

724 41/0084 - Il-Kunsill ta l-approvazzjoni biex jithallsu flus (€177) għall-spejjez ta' rota ta' karozza li ġarbet xi ħsarat minħabba ħofra li kien hemm fix-Xatt tax-Xbiex.

725 41/0153 - Il-Kunsill ġa wieġeb l-korrespondenza mibgħuta mill-Monitoring Unit tad-DLG. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill qed jintalab jagħti spjegazzjoni fuq kaxxa safra li inzebghet bajda quddiem garage fi Triq tal-Qroqq. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ircieva diversi lmenti minn residenti li dan il-garaxx qed jintuza bhala 'store' u ghalhekk il-kaxxa inzebghet bajda. Sid il-garaxx ikkuntatja lis-Sindku u qallha li wiehed store u l-iehor garaxx. Is-Sindku informatu li kellha tiċċekja fuq il-każ, pero sa dan it-tant hu kiteb lid-

Dipartiment u lil-Audrey Testaferrata Denoto (TM). Din ta' l-ahhar talbet il-permessi tal-MEPA u l-Kunsill qabel li din tintalab qabel il-kaxxa terġa tinżebagħ safra.

726 41/0143 - Il-Kap ta' l-iskola primarja Kulleġġ Sasnta Tereża ta' L-Imsida talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex jsibu 'sponsor' għal fliexken ta' l-ilma għal attivita' li kellhom f'Ta' Qali. Il-Kunsill qabel li dawn il-fliexken ta' l-ilma jiġu pprovduti mill-Kunsill stess.

727 41/0141 - Il-Kunsill qed jintalab jagħti d-dettalji ta' l-Ambaxxatur il-ġdid. Il-Kunsill qabel li hemm urġenza biex jinstab zgħazugħ/a biex tieħu dan ir-rwol. Is-Sur Alan Abela-Wadge qal li ser jiċċekja maż-żgħażagħ li jifformaw parti mit-tim tal-futbol ta' taħt it-18-il-sena.

728 41/0138 - Inqrat ittra lis-Sindku, b'petizzjoni, mir-residenti ta' Censu Farrugia. Inqrat ukoll ir-risposta li bagħtet is-Sindku b'imejl. Saret diskussjoni u sar qbil li din il-petizzjoni titwieġeb u li l-Kunsill jagħmilha ċar li jekk jitwaqqfu l-proċeduri issa l-proġett ser idum hafna iżjed. Ser ikun ċar ukoll li l-Kunsill mhux se jwaqqaf l-ebda proġett. Ser tintalab l-għajnuna tal-Perit biex issir din l-ittra. Intqal ukoll li nistgħu nofru s-servizzi tal-Perit tal-Kunsill biex jgħin lir-residenti f'xi problemi li ghandhom.

729 41/0106 - Il-Kunsill irċieva Memo fuq Kompetizzjoni ta' Accessibilita' A+ u saret diskussjoni fuq xi proġetti li jista jagħmel il-Kunsill biex jieħu sehem f'din il-kompetizzjoni. Is-Sur Bartolo ssugerixxa li ssir rampa ghal-Knisja ż-żgħira tal-Kuncizzjoni. Il-Kunsill tkellem ukoll fuq xi bandli ghat-tfal b'dizabilita' biex tkompli l-inkluzjoni fiz-zoni rekreattivi tal-lokalita'.

## 5 Approvazzjoni tal-Pagamenti

730 Tressqet l-iskeda tal-pagamenti tal-Kunsill u dawn gew approvati.

## 6 Kumitat Amministrattiv Swatar

731 Is-Sna Mifsud tkellmet fuq il-flus li intefqu fil-bandli u l-vandaliżmu li qed isir. Is-Sindku informat lis-Sna Mifsud li il-Kunsill qed jistenna il-kwotazzjonijiet biex isiru tiswijiet fil-'fence' ta' madwar il-grownd u anke tiswijiet fil-bandli stess. Qalet li l-cameras ser ikun jaħdmu mill-ġimgħa d-diehla imma importanti li xi ħadd mill-KAS jiċċekja regolari biex jekk ikun qed isir xi vandaliżmu jinqabdu mill-ewwel.

## 7 Kommunikazzjoni minn Laqghat li saru

732 Laqgha ma' l-SDM: Il-Kunsill iltaqa ma' rappreżentanti minn din l-għaqda fejn tkellmu fuq l-attivitajjiet li jsiru ħdejn il-Junior College, l-permessi li jintalbu spiss mill-istudenti u n-nuqqasijiet ta' l-istudenti fir-rigward tal-

kundizzjonijiet tal-permessi. Sar ftehim li l-Kunsill ser jibda jżomm garanzija ta' ħamsin ewro li tingħata lura jekk il-post ikun tnaddaf. Sar ftehim ukoll li l-grupp ser jieħu ħsieb jorganizza xi attivita fl-Imsida biex iż-żgħażagħ jagħtu xi ħaġa lura lill-lokalita'. Giet diskussa wkoll li is-siġra li qed jintrabtu xi żgħażagħ maghha meta jkollhom il-'birthday'. Il-Kunsill talab l-għajnuna ta' din l-għaqda biex jwaqqfu dan l-aġir minħabba li qed issir ħsara lis-siġra u l-ħamrija tal-madwar.

733 Saret laqgħa mal-Awtorita' tad-Djar u l-minuti ta' din il-laqgħa ġew ippreżentati lill-Kunsill u huma mehmużin ma' dawn il-minuti.

734 Saret laqgħa ma' L-AVIS u d-dettalji ingħataw f'minuta 698.

## 8 Lejn Lokalitajjiet Aktar Hodor

735 Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-Kunsill ta' L-Imsida intalab jieħu sehem f'proġett pilota bl-isem ta' Lejn Lokalitajjiet Aktar Ħodor u li qed jiġu proposti erba żoni fejn jistgħu jsiru siġar/pjanti jew planters. Dawn huma: iż-zona ta' madwar l-iSkate Park, Misraħ il-Barrieri, ħdejn il-'Junior College' u xi żoni fis-Swatar. Is-Sur Selvaggi ssuġerixxa l-Imsida Circus. Is-Sur Bartolo ġibed l-attenzjoni li f'din l-iskema l-pjanti u s-siġar kollha jridu jkunu endemiċi. Is-Sindku talbet li jekk ikun hemm xi idejat oħra jitresqu għall-attenzjoni tagħha.

## 9 Affarijiet Ohra Jekk Urgenti

736 Sar qbil li ser issir laqgħa oħra fl-1 ta' April biex titkompla din is-sezzjoni ta' din il-laqgħa u anke biex jiġu diskussi materji li għandhom x'jaqsmu mal-Festa 2014.

## 10 Aġġornament

737 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-21.00.

Approvati llum 22 t'April 2014.

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv